MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CLAIRE-LOUISE STAFRACE**

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2011

Numru. 694/2011

**Il-Pulizija**
**[Spettur James Grech]**

**vs**

**Rashad Mabruk**

**Il-Qorti,**
Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Rashad Mabruk detentur tal-karta tal-identita' numru 154699M.

Akkuzat talli matul il-lejl ta' bejn il-21 u t-22 ta' Marzu 2011 kif ukoll matul il-lejl ta' bejn it-3 u l-4 ta' Gunju 2011, b'diversi atti maghmulin minnu anki jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda,

1. Volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli liema ammont ta'

hsara ma tiskorrix elf mija u erbgha u sittin Ewro u disgha u sittin centezmu (1,164.69), imma hija izjed minn mija u sittax-il Ewro u sebgha u erbghin centezmu (116.47) ghad-dannu ta’ Libyan Airlines, City Gate Arcades, Misrah il-Helsien, Valletta, liema reat huwa aggravat ghal ragunijiet li ghandhom x’jaqsmu ma’ razza jew religjon u dan ghaliex fil-waqt li fih sar ir-reat, jew minnufih qabel l-ghemil tar-reat, huwa wera lejn il-vittma tar-reat ostilita, stmerrija jew disprezz ibbazata fuq il-fatt li l-vittma tappartjeni (jew prezunta li tappartjeni) ghal grupp razzjali jew religjuz u dan bi ksur ta’ Artikolu 325 (1) (b), 325A (1), 222A (3) (a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kiser volontarjament il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku u dan bi ksur ta’ Artikolu 338(dd) ta’ Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

3. U aktar talli b’hekk renda ruhu recidiv ta’ diversi sentenzi moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati Malta, liema sentenzi saru defenittivi w ma jistghux jigu mibdula u dan bi ksur ta’ Artikolu 49 u 50 ta’ Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-ezami tal-imputat li wiegeb mhux hati.

Rat l-istqarrija tal-imputat flimkien mal-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat li fl-istqarrija tal-imputat; ghalkemm huwa wiegeb mhux hati ghall-akkuzi fl-ezami; johrog car anke mill-ammissjoni tieghu li huwa ghamel dawk l-atti attribwiti lilu fl-akkuzi u johrog ukoll il-mottiv ta’ tali azzjonijiet li kienu purament politici u cioè bi protesta ghar-regim ta’ Gaddafi li f’dawk iz-zminijiet kien ghadu jibda l-inkwiet fil-Libja. Il-motiv ma kienx la religjuz u lanqas razzjali.

Illi semghet ix-xhieda ta’ rapprezentant tal-kumpanija parte civile li xehed fuq id-danni sofferti u li esebixxa rcevuti relattivi tal-quantum (fol 57).

Illi ghaldaqstant hi sodisfatta illi l-akkuzi huma sufficjenti ppruvati hlief dawk l-akkuzi li jirreferu ghal motivazzjonijiet religjuzi u/jew razzjali ghaliex hi konvinta li l-motivazzjoni

kienet ghal kollox politika hekk kif hareg car mill-istqarrija tal-imputat wiehed irid jghid ukoll illi l-prosekuzzjoni ma gabet l-ebda prova ulterjuri biex tissostanzja dawn l-aggravji.

Illi ghaldaqstant, filwaqt li ssib lill-imputat hati tal-akkuzi kollha hlief dak li inghad hawn fuq, wara li rat l-Artikoli 17(d), 325 (1) (a), 325 (1) (b), 325 A (1) u 2 A(3) (a) u 338 (dd) tal-Kap 9, qed tikkundanna lill-imputat ghal seba' 7 xhur prigunerija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------